


# School Based Assessment – Policy

Kulleġġ San Tumas More
Carlo Diacono Skola Medja u Sekondarja Żejtun

## 1. L-Għan tal-Assessjar

L-għan ewlieni tal-policy dwar l-ischool-based assessment (SBA) tal-iskola tagħna huwa li jsostni u jtejjeb l-edukazzjoni tal-istudenti tagħna. Bis-saħħa ta' assessjar regolari, aħna nkunu nistgħu nagħrfu l-ħiliet tal-istudenti, l-oqsma li fihom hemm bżonn titjib u anke l-progress tal-istudenti. L-għan prinċipali hu li nassiguraw li kull student ikollu l-opportunità li jirnexxi b'kull sapport li jipprovdi l-ambjent tal-iskola. It-tieni għan tagħna hu li nsegwu r-regoli u l-linji gwida preżenti nazzjonali. Bis-saħħa ta' dan l-impenn, aħna nkunu qegħdin nieħdu ħsieb lill-istudenti tagħna u nassiguraw li l-punti tal-SBA li nagħtu jkunu mera ċara u retta.

## 2. Metodi ta' Assessjar

L-iskola tagħna tħaddem taħlita ta' assessjar formattiv u sumattiv li tgħin lill-istudenti fit-tagħlim. L-assessjar formattiv jinkludi ċċekkjar informali waqt il-lezzjonijiet, filwaqt li l-assessjar sumattiv jeżamina l-fehim tal-istudent fl-aħħar tal-unit jew tat-term. Sabiex jintlaħħqu l-ħtiġijiet individwali tal-istudenti, l-għalliema tagħna jimplimentaw varjetà ta' metodi ta' assessjar, li jistgħu jinkludu, imma mhux biss, xogħol forma ta' kitba, preżentazzjonijiet, prestazzjonijiet, xogħol prattiku, tkomplija ta' portafoll, tkomplija ta' rapporti xjentifiċi, u tagħlim marbut ma' proġett. Dawn il-metodi jwasslu sabiex wieħed ikollu stampa ċara tal-konoxxenza u l-ħiliet tal-istudenti. Dan jinkludi l-użu ta' rubrics, kriterji ta' suċċess, peer u self-assessment, u feedback kostruttiv f'waqtu permezz ta' modi diversi.

Kull biċċa xogħol li tingħata mill-għalliema tas-suġġett/i tul is-sena skolastika tista' tiġi kkunsidrata bħala parti mill-SBA. Barra minn hekk, l-għalliema jistgħu jagħżlu numru speċifiku ta' xogħlijiet li mbagħad jissarrfu f'punti għall-SBA. L-SBA jista' jkopri attivitajiet li jsiru ġewwa l-iskola stess jew taħlita ta' assignments li jsiru l-iskola u oħrajn li jiġu ppreparati d-dar, bħal homework, proġetti, xogħol prattiku, fost oħrajn. Dan jiddependi kompletament skont dak li l-għalliem tas-suġġett jiddeċiedi.

## 3. Informazzjoni lill-Istudenti u lill-Ġenituri/Kustodji: Nifhmu l-Policy tagħna dwar l-Assessjar

*Bidu tas-Sena Skolastika*

Il-Kap tal-Iskola, fil-bidu tas-sena skolastika, jinforma lill-ġenituri/kustodji u lill-istudenti dwar il-policy tal-SBA. Tul dik l-istess ġimgħa, ser tkun qiegħda tintbagħat ukoll email lill-ġenituri/kustodji u lill-istudenti. Barra dan, il-policy dwar l-SBA ser tkun aċċessibbli fuq il-website tal-iskola.

Idealment, l-istudenti jirċievu d-dettalji dwar l-istruttura tal-SBA mingħand l-għalliema tas-suġġetti rispettivi tagħhom. Din l-informazzjoni ser tkun disponibbli fuq il-pjattaformi diġitali bħal Microsoft Teams u/jew permezz tal-emails/announcements via MySchool.

*Informazzjoni lill-Istudenti dwar l-SBA Assisgnments*

Hu mistenni mill-għalliema li jinfurmaw lill-istudenti minn qabel meta jkun ser jingħata xogħol marbut mal-SBA li jitlob preparazzjoni minn qabel, bħal ngħidu aħna studju qabel biċċa xogħol partikolari. Importanti li l-għalliema jgħaddu kull informazzjoni dwar deadlines rilevanti ta' assessjar tal-SBA lill-istudenti tagħhom. Min-naħa l-oħra hija fir-responsabilità tal-istudenti li jieħdu nota ta' dawn id-dati billi jniżżluhom fid-djarju tal-iskola. B'dan il-mod, l-istudenti jagħrfu x'inhuma r-responsabilitajiet tagħhom u jqassmu ħinhom bl-aktar mod effettiv ħalli jlestu xogħolhom fil-ħin.

*Assignments marbuta ma' Suġġetti Vokazzjonali u Assessjar Prattiku*

Hu fundamentali li l-istudenti jlestu l-assignments vokazzjonali kollha fl-istess sena skolastika li jkunu ġew mogħtija fiha. Barra minn hekk, assessjar prattiku vokazzjonali jrid isir darba biss u ma jistax jiġi rrepetut. F'każ ta' studenti li ma jkunux preżenti, dawn jingħataw biss opportunità oħra sabiex jagħmlu l-prattiku, dejjem skont id-deċiżjoni tal-għalliem.

**4. Rekordjar u Rapportar ta' Assessjar**

L-għalliema huma responsabbli għaż-żamma u għar-rekordjar tal-punti tal-SBA billi jużaw liema metodi jippreferu huma. Dawn il-metodi jistgħu jinkludu pjattaformi online bħal Microsoft Teams jew MySchool, Excel spreadsheets, jew forom oħra ta' dokumentazzjoni. Importanti li dawn ir-records ikunu aċċessibbli u jiġu pprovduti meta meħtieġa. Hija fid-diskrezzjoni tal-għalliema jekk il-marki tal-SBA u kull materjal ieħor relatat jinġabarx f'database ċentrali għal referenzi fil-futur.

*Assessjar u Records tal-Portafoll għal Suġġetti Vokazzjonali*

L-għalliema tas-suġġetti vokazzjonali ser ikunu qegħdin iżommu r-records tal-SBA u l-marki tal-portafoll, kif ukoll kull xogħol ieħor mogħti mill-istudent biex jinżamm fil-portafoll. Dawn ir-records iridu jiġu ppreżentati lid-Deputy Head responsabbli mis-suġġetti VET sa mhux iżjed tard mill-aħħar ta' Ġunju. Hija fid-diskrezzjoni tal-għalliema jekk il-marki tal-SBA u kull materjal ieħor relatat jinġabarx f'database ċentrali għal referenzi fil-futur.

*L-Infurmar tal-Istudenti dwar ir-Riżultati tal-SBA*

Ladarba l-SBA tiġi vvalutata u tingħata marka, l-istudenti jiġu nnotifikati bil-marka mogħtija u jingħataw opportunitajiet strutturati matul is-sena skolastika biex jirriflettu fuq il-prestazzjoni tagħhom u jużaw il-feedback biex itejbu t-tagħlim fil-futur. Biex ma jkunx hemm dubju, ladarba

s-sena skolastika tasal fi tmiemha, ir-riżultati tal-SBA jiġu finalizzati u sottomessi awtomatikament fir-reġistru uffiċjali; f'dak il-punt, il-marki jkunu definittivi u ma jkun possibbli l-ebda tibdil ieħor.

## 5. Linji Gwida dwar Sottomissjonijiet tard, Xogħlijiet mhux kompluti, u Mistoqsijiet min-naħa tal-Ġenituri

Il-policy tal-iskola tagħna dwar sottomissjonijiet tard, xogħlijiet mhux kompluti u lmenti min-naħa tal-ġenituri hi li nżommu ambjent edukattiv ġust u strutturat. Huwa mistenni mill-istudenti li jissottomettu l-assignments kollha skont id-deadlines speċifiċi, kif ikun ġie kkomunikat lilhom minn qabel mill-għalliema tagħhom.

*Sottomissjonijiet Tard*

L-assignments għandhom jiġu sottomessi sal-iskadenzi speċifikati. L-għalliema għandhom id-dritt li ma jaċċettawx xogħol tard jekk mhux iġġustifikat b'raġunijiet validi (eż., ċertifikat mediku). F'dawn il-każijiet, jistgħu jiġu pprovduti arranġamenti alternattivi.

*Xogħlijiet Neqsin*

Xogħlijiet tal-SBA li jkunu neqsin mingħajr xi tip ta' ġustifikazzjoni valida jiġu mmarkati bħala mhux sottomessi u ma jingħatawx marki. Jekk l-istudent ikollux il-possibilità li jagħmel tajjeb għall-assessjar nieqes li kien sar fil-klassi, qiegħda fid-deskrizzjoni tal-għalliem u jiddependi wkoll skont il-biċċa xogħol xi tkun. F'każ ta' assenzi, l-istudenti huma mitluba jippreżentaw ċertifikati mediċi. Studenti li jitilfu bosta assessjar li jkun sar fil-klassi ma jingħatawx marki għal dawn l-assignments.

F'sitwazzjonijiet bħal dawn, jidħlu fis-seħħ il-protokolli uffiċjali tal-iskola, fejn il-punti negattivi mogħtija f'każ ta' nuqqas ta' Homework/Classwork jew nuqqas ta' SBA/VET assignments jiġu rreġistrati fil-MySchool point system. B'hekk, b'mod awtomatiku, il-ġenituri/kustodji jirċievu notifika.

Is-sistema tal-SBA tagħna tinkludi marki biżżejjed biex tkopri x-xogħol li jista' jkun nieqes, ħalli l-istudenti kollha jkollhom iċ-ċans juru l-ħiliet tagħhom. Li wieħed ikollu marki extra jfisser serħan il-moħħ f'każ ta' assenzi koperti b'ċertifikat mediku, b'hekk ma tiġix influwenzata ħażin l-overall grade tal-istudent minħabba xi assignments neqsin. Bis-saħħa ta' din is-sistema ġusta nkunu qegħdin nagħtu importanza li l-impenn għandu jkun kontinwu u li wieħed ikun kapaċi jimmaniġġja sitwazzjonijiet mhux mistennija.

*Linji Gwida għall-Mistoqsijiet li jkollhom il-Ġenituri dwar l-Assessjar tal-iStudent*

Ġenituri/kustodji li jixtiequ jistaqsi fil-fond dwar il-feedback mogħti fuq xogħlijiet ikkoreġuti, għandhom jagħmlu dan esklussivament permezz ta' email mibgħuta kemm lill-indirizz ġeneriku

tal-iskola stmc.zejtun.ss@ilearn.edu.mt kif ukoll lill-Kap tal-Iskola fuq adrian.galea@ilearn.edu.mt.

Jekk ikun hemm xi mistoqsijiet, dawn għandhom jiġu sottomessi fi żmien ġimgħa mid-data meta l-għalliem tas-suġġett jipprovdi l-feedback fuq ix-xogħol ikkoreġut. Inkjesti sottomessi b'mezzi oħra jew barra dan il-perjodu jistgħu ma jiġux ipproċessati.

Malli jaslu, l-emails jgħaddu għand id-Deputy Head responsabbli mill-SBA, li ser jikkoordina mal-għalliem tas-suġġett rilevanti biex jindirizza l-mistoqsijiet. Jekk ir-riżultati ma jiġux sottomessi mill-għalliem tas-suġġett fi żmien stipulat, id-diffikultajiet li jirriżultaw jiġu indirizzati mal-għalliem kkonċernat.

Kuntatt dirett mill-ġenituri/kustodji mal-għalliema tas-suġġett/i mhuwiex permess.

L-iskola tikkonferma li rċeviet l-email u taħdem bis-sħiħ biex tipprovdi risposta sostanzjali fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol.

**6. Flessibilità**

L-iskola tagħna tifhem il-bżonn li nkunu flessibbli fejn għandu x'jaqsam l-amministrazzjoni tal-assessjar.

*Exam Access Arrangements*

Fejn hemm exam access arrangements li ġew assessjati b'mod professjonali u li dwarhom ġiet infurmata l-iskola, l-istudenti tagħna ser jirċievu l-assistenza neċessarja fejn possibbli. L-access arrangements jiġu pprovduti skont il-bżonnijiet tal-iskola. L-iskola ser tagħmel dak kollu li tista' sabiex tgħin lill-istudenti tagħha, iżda minħabba xi limitazzjonijiet organizzattivi, xi arranġamenti mhux bilfors ikunu possibbli dejjem.

*Ċaqliq ta' studenti minn skola għall-oħra/kulleġġ għall-ieħor*

Meta studenti jbiddlu l-iskola matul is-sena skolastika, l-għalliema tas-suġġetti tagħhom jiġu mitluba jipprovdu r-riżultati tal-SBA ta' dawn l-istudenti, kif ukoll analiżi tal-learning outcomes sa dak iż-żmien. Din l-informazzjoni tgħaddi għand id-Deputy Head responsabbli mill-SBAs, li jagħmel ċert li din l-informazzjoni tgħaddi għand l-iskola l-ġdida.

Jekk min-naħa l-oħra, student jiġu trasferit għall-iskola tagħna, l-iskola l-oħra trid tgħaddi lill-iskola tagħna l-istess informazzjoni permezz ta' email uffiċjali. Kif din l-informazzjoni tasal għandna, id-Deputy Head responsabbli mill-SBA, jaqsam din id-data mal-għalliema involuti. Importanti li nsemmu li l-ebda marki tal-SBA sottomessi ma jistgħu jiġu aċċettati mingħand l-istudenti jew mingħand il-ġenituri tagħhom.

*Studenti ġodda li ġejjin minn skejjel fejn ma titħaddimx is-sistema tal-SBA*

Studenti ġodda li jingħaqdu magħna minn skejjel fejn mhux qed jiġu implimentati l-SBAs, jiġu eżentati mix-xogħlijiet li kienu saru qabel iżda jiġu mitluba jagħmlu x-xogħlijiet li jkun għad baqa' f'dik is-sena skolastika.

**7. Assigurazzjoni tal-Kwalità**

Id-dipartimenti jaħdmu bis-sħiħ fuq moderazzjoni u kollaborazzjoni biex jiżguraw l-ekwità, inklużi rubrics komuni, cross-marking, u koordinazzjoni bejn l-għalliema tal-istess suġġett.

Plaġjariżmu jew ikkuppjar ta' xogħlijiet tal-SBA hu reat serju li dwaru jrid jiġi infurmat id-Deputy Head responsabbli mill-SBA. Meta x-xogħol jiġi kkunsidrat bħala pplaġjat jew ikkuppjat, l-għalliem tas-suġġett inaqqas il-marki mis-sezzjoni partikolari tal-assignments. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, jiġu mħaddma l-protokolli standard tal-iskola, fejn l-istudent, permezz tas-sistema tal-MySchool, jieħu punti negattivi għall-plaġjariżmu. B'hekk, b'mod awtomatiku, il-ġenituri/kustodji jirċievu notifika.

**8. Nimxu skont il-Policies Nazzjonali**

Din il-policy tiġi riveduta kull sena biex timxi dejjem skont in-National Assessment Policy u mal-MATSEC Code of Practice (Livelli 1–3).

Kull sena, aħna nirrevedu u naġġornaw il-prattiċi tagħna dwar l-assessjar biex naċċertaw ruħna li huma effettivi u skont ir-riċerka preżenti edukattiva u prattiċi tajbin. Dan jinkludi li nipprovdu taħriġ kontinwu u professjonali għall-għalliema dwar strateġiji ta' assessjar u analiżi ta' data.

**9. Konklużjoni**

L-SBA policy tagħna turi l-impenn tagħna biex nipprovdu ambjent edukattiv ġust u ta' sostenn. Aħna kburin bil-ħiliet uniċi ta' kull student u nassiguraw li kulħadd ikollu kull ċans biex jiffjorixxi u jikber. Il-bażi ta' kif inħarsu lejn dan kollu hija mibnija fuq l-impenn tagħna lejn il-ġustizzja, id-diversità fl-evalwazzjoni u s-sapport individwali, sabiex kull student ikollu kull ċans li jilħaq l-aqwa potenzjal tiegħu/tagħha. Kollha flimkien nibnu komunità mimlija entużjażmu lejn it-tagħlim fejn kull biċċa xogħol u sforz jiġu ppremjati.

**10. Irwoli u Responsabilitajiet**

Fl-ischool based assessments, l-istakeholders kollha għandhom rwol importanti fir-riżultati u fil-proċessi edukattivi. Dawn l-istakeholders jaħdmu flimkien sabiex jissapportjaw is-sistema edukattiva u jassiguraw li l-assessjar ikun ġust, effettiv, u li jwassal għat-tagħlim. Dawn huma l-istakeholders ewlenin:

- **L-Istudenti:** Dawn huma ċ-ċentru prinċipali tal-assessjar, u t-tagħlim u l-iżvilupp tagħhom huma l-għanijiet ewlenija.
- **L-Għalliema:** Dawn għandhom jaħdmu f'kollaborazzjoni mas-suġġetti l-oħra sabiex joħolqu, jamministraw, u jinterpretaw l-assessjar, u għandhom irwol kruċjali fil-proċess edukattiv.
- **Ġenituri/Kustodji:** Dawn għandhom l-edukazzjoni ta' wliedhom u r-riżultati tal-assessjar fl-interess tagħhom.
- **Ammistraturi tal-Iskola:** Dawn jissorveljaw l-implimentazzjoni tal-assessjar u jassiguraw li kollox ikun miexi skont l-miri edukattivi.

| **STUDENTI** | |
|---|---|
| **DMIRIJIET tal-Istudenti** | **DRITTIJIET tal-Istudenti** |
| **Preparazzjoni:** L-istudenti jridu jippreparaw għall-assessjar billi jirrevedu l-materjal, jistudjaw u jagħmlu l-assignments neċessarji jew testijiet prattiċi. | **Assessjar Ġust:** L-istudenti għandhom dritt għal assessjar ġust u imparzjali. Dan ifisser li l-assessjar għandu jkejjel il-fehim u l-ħiliet tagħhom bir-reqqa, u mhux l-ħila tagħhom biex jagħmlu test. |
| **Parteċipazzjoni:** L-istudenti huma mistennija li jipparteċipaw b'mod sħiħ fil-proċess tal-assessjar. Dan jinkludi t-tlestija tas-sezzjonijiet kollha tal-assessjar fl-aħjar abilità tagħhom. | **Stennija Ċara:** L-istudenti għandhom dritt li jkunu jafu x'inhu mistenni minnhom f'kull assessjar. Dan jinkludi l-fehim tal-kriterji tal-assessjar u l-mod kif ser tiġi evalwata l-prestazzjoni tagħhom. |
| **Onestà:** L-istudenti jridu jimxu mal-policies tal-iskola. Dan ifisser li ma jqarrqux, ma jipplaġġjawx, jew jużaw xi forma oħra ta' mġiba diżonesta waqt l-assessjar. | **Feedback:** L-istudenti għandhom id-dritt li jirċievu feedback kostruttiv u fil-ħin dwar il-prestazzjoni tagħhom. Dan għandu jgħinhom jifhmu l-ħiliet tagħhom u fejn jistgħu jmorru aħjar. |
| **Komunikazzjoni:** L-istudenti għandhom jikkomunikaw mal-għalliema tagħhom dwar xi diffikultajiet jew mistoqsijiet li jista' jkollhom dwar l-assessjar. Dan jinkludi kjarifikazzjoni dwar struzzjonijiet, diskussjoni dwar diffikultajiet li ltaqgħu magħhom, jew jiġu pprovduti feedback fuq il-proċess tal-assessjar. | **Akkomodazzjoni:** L-istudenti bi bżonnijiet edukattivi speċjali għandhom dritt għal akkomodazzjoni xierqa waqt l-assessjar. Dan jagħmel ċert li l-istudenti kollha jkollhom opportunità ndaqs sabiex juru l-fehim u l-ħiliet. Dan jiddependi mid-disponibilità tal-iskola. |
| **Self-Assessment:** L-istudenti għandhom jipparteċipaw fis-self-assessment sabiex jirreflettu fuq it-tagħlim tagħhom u jifhmu fejn marru tajjeb u fejn jistgħu jtejbu. Dan jista' jgħinhom jagħmlu miri ġodda għat-tagħlim tal-futur. | **Appell:** L-istudenti għandhom id-dritt li jappellaw ir-riżultati tal-assessjar tagħhom jekk jemmnu li ma ġewx assessjati bil-fier. Dan għandu jsir permezz tal-ġenituri/kustodji billi jimxu mal-proċedura uffiċjali. L-iskola għandu jkollha proċess ċar sabiex tmexxi appelli simili. |
| **Rispett għad-Deadlines:** L-istudenti għandhom jirrispettaw id-deadlines tal-assessjar. Li x-xogħol jiġi sottomess fil-ħin huwa kruċjali fil-proċess tal-assessjar sabiex jiffunzjona mingħajr xkiel. | **Kunfidenzjalità:** L-istudenti għandhom id-dritt għall-kunfidenzjalità fir-riżultati tal-assessjar. Huma l-għalliema involuti, il-ġenituri u l-istudenti nfushom biss li għandu jkollhom aċċess għal dawn ir-riżultati. |
| **Aċċettar tar-Riżultati:** L-istudenti għandhom jaċċettaw ir-riżultati tal-assessjar, jifhmu li dawn jirriflettu l-prestazzjoni f'punt partikolari taż-żmien u mhux kemm jiswew jew il-potenzjal globali tagħhom. | **Rispett:** L-istudenti għandhom id-dritt li jkunu trattati b'rispett matul il-proċess tal-assessjar. Dan jinkludi li jingħataw ħin biżżejjed biex ilestu l-assessjar u li ma jinħoloqx stress jew pressjoni żejda. |

| GĦALLIEMA | |
|---|---|
| **DMIRIJIET tal-Għalliema** | **DRITTIJIET tal-Għalliema** |
| **Jippreparaw l-Assessjar:** L-għalliema huma responsabbli sabiex joħolqu jew jagħżlu l-assessjar li jimxi skont l-għanijiet tat-tagħlim tal-lezzjonijiet tagħhom. | **Disinn tal-Istruzzjoni tat-Tagħlim:** L-għalliema għandhom id-dritt li joħolqu u jimplimentaw strateġiji li jimxu skont il-policy tal-assessjar u l-learning objectives tal-lezzjonijiet tagħhom. |
| **Jamministraw l-Assessjar:** L-għalliema għandhom jassiguraw li l-assessjar hu amministrat b'mod ġust u konsistenti. Dan jinkludi li jridu jipprovdu struzzjonijiet ċari, jagħtu ħin kemm hemm bżonn u jżommu ambjent li jwassal għat-testijiet. | **L-Għażla tal-Assessjar:** L-għalliema għandhom id-dritt li jagħżlu jew joħolqu assessjar li huma jemmnu bis-sħiħ li jista' jkejjel bl-aktar mod effettiv il-fehim tal-materjal mill-istudent. |
| **Grading u Feedback:** L-għalliema huma responsabbli mill-grading tal-assessjar fil-ħin u b'mod ġust. Għandhom jipprovdu feedback kostruttiv sabiex jgħinu lill-istudenti jifhmu l-prestazzjoni tagħhom u fejn jistgħu jtejbu. | **Awtonomija fil-Grading:** L-għalliema għandhom id-dritt li jagħtu marka lix-xogħol tal-istudent fuq il-grading criteria stabbiliti. Għandhom ikollhom il-libertà biex jiddeterminaw il-piż ta' kull assessjar fil-grad globali. |
| **Żamma tar-rekords:** L-għalliema għandhom iżommu rekord bir-reqqa u jżommu r-riżultati tal-assessjar. Din id-data tista' tintuża biex iżżomm rekord tal-progress, tidentifika oqsma għat-titjib, u tinforma dwar istruzzjonijiet għall-futur. | **Żvilupp Professjonali:** L-għalliema għandhom id-dritt li jaċċessaw opportunitajiet għal żvilupp professjonali relatat mal-assessjar. Dan jinkludi workshops, seminars, u taħriġ ieħor li jista' jgħinhom itejbu l-prattiċi tal-assessjar tagħhom. |
| **Komunikazzjoni:** L-għalliema għandhom jikkomunikaw dak li hu mistenni mill-assessjar u r-riżultati lill-istudenti u l-ġenituri. Dan jinkludi l-ispjegazzjonijiet tal-iskop tal-assessjar, kif ser jiġu gradati, u xi jfissru r-riżultati. | **Feedback:** L-għalliema għandhom id-dritt li jipprovdu feedback lill-istudenti dwar il-prestazzjoni tagħhom fl-assessjar. Huma għandhom jiddiskutu r-riżultati tal-assessjar mal-istudenti u jiggwidawhom fuq kif jistgħu jmorru aħjar. |
| **Titjib Kontinwu:** L-għalliema għandhom jeżaminaw u jirrevedu b'mod regolari l-istrateġiji tal-assessjar tagħhom biex jagħmlu ċert li jkunu effettivi u ġusti. Dan jista' jinkludi feedback mingħand studenti, ġenituri u edukaturi oħra. | **Kollaborazzjoni:** L-għalliema għandhom id-dritt li jikkollaboraw ma' għalliema oħra u mal-amministrazzjoni tal-iskola fuq kwistjonijiet relatati ma' assessjar. Dawn jinkludu t-tqassim tal-aqwa prattiċi, diskussjoni dwar l-isfidi, u l-ħidma flimkien biex titjieb il-policy tal-assessjar. |
| **Żvilupp Professjonali:** L-għalliema għandhom jibqgħu aġġornati dwar l-aħħar riċerki u l-aħjar prattiċi fl-assessjar. Dan jista' jinkludi li jattendu workshops dwar l-iżvilupp professjonali, qari ta' riċerka edukattiva, jew kollaborazzjoni ma' kollegi. | **Difiża tal-Kawża:** L-għalliema għandhom id-dritt li jitkellmu favur l-istudenti fil-proċess tal-assessjar. Jekk jemmnu li assessjar mhux ġust jew ma jkejjilx tajjeb l-abilitajiet tal-istudenti, għandhom ikunu jistgħu jsemmgħu leħinhom. |

| ĠENITURI/KUSTODJI | |
|---|---|
| **DMIRIJIET tal-Ġenituri/Kustodji** | **DRITTIJIET tal-Ġenituri/Kustodji** |
| **Sapport:** Il-ġenituri għandhom jagħtu s-sapport tagħhom lit-tfal matul il-proċess tal-assessjar. Dan jinkludi għajnuna fl-iskedar tal-istudju, jipprovdu ambjent li jħeġġeġ l-istudju, u jinkoraġixxu attitudni pożittiva lejn l-assessjar. | **Aċċess għall-Informazzjoni:** Il-ġenituri għandhom id-dritt li jaċċessaw informazzjoni dwar il-policy tal-assessjar tal-iskola u l-prestazzjoni tat-tfal tagħhom. Dan jinkludi l-fehim tat-tipi ta' assessjar li jintużaw, is-sistema ta' grading, u kif il-prestazzjoni tat-tfal hija evalwata. |
| **Komunikazzjoni:** Il-ġenituri għandhom iżommu komunikazzjoni miftuħa mal-iskola. Dan jinkludi l-attendenza għal-laqgħat bejn il-ġenituri u l-għalliema, jirrispondu għall-komunikazzjoni tal-iskola, u jressqu t-tħassib jew mistoqsijiet dwar il-proċess tal-assessjar. | **Komunikazzjoni:** Il-ġenituri għandhom id-dritt li jikkomunikaw mal-iskola dwar il-progress tat-tfal tagħhom. Għandhom id-dritt li jsaqsu mistoqsijiet, juru t-tħassib, u jipprovdu feedback dwar il-proċess tal-assessjar. |
| **Il-Fehim tal-Policy tal-Assessjar:** Il-ġenituri għandhom jiffamiljarizzaw ruħhom mal-policy tal-assessjar tal-iskola. Dan jinkludi il-fehim tat-tipi ta' assessjar użat, is-sistema ta' grading, u l-aspettazzjonijiet tal-prestazzjoni tal-istudent. | **Parteċipazzjoni:** Il-ġenituri għandhom id-dritt li jipparteċipaw fl-edukazzjoni ta' wliedhom. Dan jinkludi l-għajnuna lit-tfal waqt it-tagħlim id-dar, jattendu l-laqgħat bejn il-ġenituri u l-għalliema, u jiġu involuti fl-attivitajiet tal-iskola. |
| **Jinkoraġixxu l-Onestà:** Il-ġenituri għandhom jinkoraġġixxu lit-tfal tagħhom sabiex jimxu mal-academic integrity policy tal-iskola. Dan jinkludi d-diskussjoni dwar l-importanza tal-onestà u l-konsegwenzi tal-qerq jew plaġjariżmu. | **Difiża tal-Kawża:** Il-ġenituri għandhom id-dritt li jitkellmu għall-bżonnijiet fl-edukazzzjoni tat-tfal tagħhom. Jekk jemmnu li l-assessjar mhux ġust jew ma jkejjilx l-abiltajiet tat-tifel/tifla b'mod tajjeb, għandhom ikunu jistgħu juru t-tħassib tagħhom. |
| **Jirrispettaw id-Deadlines:** Il-ġenituri għandhom jinkoraġixxu lit-tfal tagħhom biex jifhmu l-importanza tad-deadlines u l-immaniġġjar tal-ħin. Dan jinkludi l-bżonn li jgħinuhom jippjanaw l-iskeda tal-istudju u jagħmlu ċert li jlestu l-assignments fil-ħin. | **Kunfidenzjalità:** Il-ġenituri għandhom id-dritt għall-kunfidenzjalità fir-riżultati tal-assessjar tat-tfal tagħhom. L-għalliema involuti, il-ġenituri, u l-istudenti nfushom biss għandhom ikollhom aċċess għal dawn ir-riżultati. |
| **Konsiderazzjoni tar-Riżultati tal-Assessjar:** Il-ġenituri għandhom jaraw ir-riżultati tal-assessjar mat-tfal tagħhom. Dan jinkludi t-tfaħħir tal-isforzi, diskussjoni dwar l-oqsma għat-titjib, u ssettjar ta' miri għat-tagħlim fil-futur. | **Appell:** Il-ġenituri għandhom id-dritt li jappellaw ir-riżultat tal-assessjar tat-tfal tagħhom jekk iħossu li ma kinux immarkat b'mod ġust. L-iskola għandu jkollha proċess ċar biex timmaniġġja dawn l-appelli. |
| **Difiża tal-Kawża:** Il-ġenituri għandhom id-dritt li jitkellmu għall-bżonnijiet fl-edukazzjoni tat-tfal tagħhom. Dan jinkludi l-ħidma id f'id mal-iskola biex ikunu ċerti li l-assessjar ikun ġust u l-ħtiġijiet uniċi tat-tfal tagħhom qed jiġu milħuqa. | |

| L-AMMINISTRAZZJONI TAL-ISKOLA | |
|---|---|
| **DMIRIJIET tal-Amministrazzjoni tal-Iskola** | **DRITTIJIET tal-Amministrazzjoni tal-Iskola** |
| **Żvilupp tal-Policy:** L-amministrazzjoni tal-iskola hija responsabbli għall-iżvilupp u l-implimentar tal-ischool based assessment policy. | **Policy Making**: L-amministrazzjoni għandha d-dritt li tiżviluppa u timplimenta l-ischool based assessment policy. Huma jistgħu jiddeċiedu dwar it-tipi ta' assessjar użat, is-sistema ta' grading, u l-aspettazzjoni tal-prestazzjoni tal-istudent. |
| **Taħriġ:** L-amministrazzjoni għandha tipprovdi t-taħriġ lill-għalliema u l-membri tal-istaff oħra dwar il-policy tal-assessjar. Dan jinkludi spjegazzjoni tal-policy, demostrazzjoni kif tiġi implimentata, u t-tweġib ta' mistoqsijiet. | **Teħid tad-deċiżjoni:** L-amministrazzjoni flimkien mal-għalliema tas-suġġetti għandhom id-dritt li jieħdu d-deċiżjonijiet dwar il-proċess tal-assessjar. Dan jinkludi d-deċiżjoni meta l-assessjar jiġi amministrat, kif jiġi graded, u kif ir-riżultati jiġu użati. |
| **Monitoraġġ:** L-amministrazzjoni għandha timmoniterja l-implimentazzjoni tal-policy tal-assessjar. Dan jinkludi l-osservar ta' prattiċi fil-klassijiet, analiżi tar-riżultati tal-assessjar, u assigurazzjoni li l-policy qed tiġi segwita b'mod korrett. | **Taħriġ:** L-amministrazzjoni għandha d-dritt li tipprovdi lill-għalliema u lill-kumplament tal-membri tal-istaff taħriġ dwar il-policy tal-assessjar. L-amministrazzjoni tista' tiddeċiedi l-kontenut tat-taħriġ, min jagħmlu, u kemm spiss għandu jiġi pprovdut. |
| **Komunikazzjoni:** L-amministrazzjoni għandha tikkomunika l-policy tal-assessjar mal-istakeholders kollha, li jinkludu l-għalliema, l-istudenti, u l-ġenituri. Dan jinkludi l-ispjega tal-policy, l-għanijiet tagħha, u l-kif ser tiġi implimentata. | **Komunikazzjoni:** L-amministrazzjoni għandha d-dritt tikkomunika l-policy tal-assessjar mal-istakeholders kollha, li jinkludu l-għalliema, l-istudenti, u l-ġenituri. Huma jkunu jistgħu jiddeċidu dwar l-aħjar metodi ta' komunikazzjoni u kemm jikkomunikaw spiss. |
| **Analiżi u Reviżjoni:** L-amministrazzjoni għandha tanalizza u tirrevedi l-policy tal-assessjar b'mod regolari. Dan jinkludi li tfittex li jkollha feedback mingħand l-istakeholders, tara li tanalizza r-riżultati tal-assessjar, u tagħmel it-tibdil neċessarju fil-policy. | **Monitoraġġ u Evalwazzjoni:** L-amministrazzjoni għandha d-dritt li timmoniterja l-implimentazzjoni tal-policy tal-assessjar u tevalwa l-effettività tagħha. Huma jkunu jistgħu jiddeċiedu dwar il-metodi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, u dwar kemm spiss għandna tagħmel dan. |
| **Allokazzjoni ta' Riżorsi**: L-amministrazzjoni għandha tassigura li l-għalliema u l-istudenti għandhom ir-riżorsi neċessarji biex jimplimentaw il-policy tal-assessjar. Dan jinkludi l-provediment ta' għodda, materjal, u sapport addattat għall-assessjar. | **Reviżjoni:** L-amministrazzjoni għandha d-dritt tanalizza u tirrevedi l-policy tal-assessjar kemm hemm bżonn. Huma jkunu jistgħu jiddeċiedu dwar meta jsiru r-reviżjonijiet u dwar il-proċess ta' tibdil fil-policy. |
| **Konformità**: L-amministrazzjoni għandha tassigura li l-policy tal-assessjar tkun konformi mal-liġijiet u regolazzjonijiet kollha relevanti. Dan jinkludi li tara li jiġu rrispettati d-drittijiet tal-istudenti u tal-għalliema u tassigura ġustizzja u trasparenza fil-proċess tal-assessjar. | **Allokazzjoni ta' Riżorsi:** L-amministrazzjoni għandha d-dritt li talloka riżorsi għall-implimentazzjoni tal-policy tal-assessjar. Huma jistgħu jiddeċiedu t-tipi ta' riżorsi li ser jiġu pprovduti u kif ser jiġu mqassma. |

Tmiem id-Dokument